Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 334/2012/1AE

**Claudette Buttigieg maghrufa wkoll bhala Claudette Pace [I.D. 93868 M] u Cliche' Media Entertainment Co. Ltd. [C 28416]**

**vs**

**Public Broadcasting Services Limited [C 13141]; Professur Joseph Pirotta, Professur Maryanne Lauri, Charles Mizzi, Anton Attard, Reuben Zammit u Natalino Fenech fil-kapacita' taghhom bhala membri tal-Bord Editorjali ta' Public Broadcasting Services; u Deemedia.tv Limited [C 22739] ghal kull interess li jista' jkollha**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016.

Permezz ta' sentenza parzjali tat-12 ta' Gunju 2014, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ddecieda:-

*"... it-Tribunal [...] filwaqt li jilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' intimata DeeMedia.tv Limited u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, qieghed jichad l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta' intimata Public Broadcasting Services Limited.*

*Spejjez tas-socjeta' DeeMedia.tv ikunu a karigu tar-rikorrenti, filwaqt li l-ispejjez tad-decizjoni fir-rigward tal-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta' intimata Public Broadcasting Services Limited ikunu a karigu tal-istess socjeta'."*

Public Broadcasting Services Limited appellat mis-sentenza u l-aggravji huma:

1. Hi ma tifformax parti mill-hekk imsejjha *'amministrazzjoni pubblika'* kif definita fl-Artikolu 2 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. L-att innifsu ma jistax jitqies bhala att amministrattiv u dan peress illi ghandu jitqies bhala mizura li ttiehed ghall-organizzazzjoni interna jew t'amministrazzjoni fi hdan l-istess amministrazzjoni pubblika;
3. Decizjonijiet emanenti minn relazzjonijiet kummercjali ta' terzi m'ghandhomx jitqiesu bhala atti amministrattivi;
4. L-operat taghha ghandu jkun sindikabbli biss mill-Awtorita' tax-Xandir u mill-Qrati Civili;

Ir-rikorrenti wiegbu:-

1. L-appell hu null ghaliex prezentat tardivament. Is-sentenza nghatat fit-12 ta' Gunju 2014, filwaqt illi l-appell gie pprezentat fis-7 t'Awissu 2014, u cioe' iktar minn 20 jum wara d-data tad-decizjoni appellata.

   L-appellati rriferew ghall-artikolu 231 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u arguentaw li dan il-provvediment ma japplikax ghall-kaz gialadarba l-proceduri quddiem it-Tribunal Amministrattiv huma regolati b'ligi specjali li jirregolaw ukoll il-procedura ta' appell. Il-procedura skond l-artikolu 231 tal-Kap. 12 tirregola biss decizjonijiet minn Qrati, filwaqt li hawn si tratta ta' Tribunal. Ukoll jekk Tribunal jinghata l-istess poteri ta' Qorti, dan ma jfissirx illi l-procedura quddiemu ghandha ssegwi dik ta' Qorti specjalment meta hemm ligi specifika li tirregola l-procedura quddiem l-istess Tribunal;

2. Is-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

   Illi rigward it-tieni u t-tielet aggravji, is-socjeta' appellanti qed tipprova tappella fuq punti li dwarhom ghadhom lanqas ingabu prova, li ma gewx ittrattati quddiem it-Tribunal u li ghaldaqstant lanqas gew decizi mit-Tribunal.

   Illi rigward ir-raba aggravju, mill-informazzjoni li nghataw l-appellati meta giet ikkomunikata lilhom id-decizjoni li minnha qed jappelllaw, kif ukoll mill-provi li gew prodotti sa issa, irrizulta li din hija decizjoni mehuda mill-istess socjeta' appellanti nnifisha u mill-Bord editorjali tal-istess socjeta'.

Il-qorti rat l-atti.

Permezz ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrenti qeghdin jimpunjaw decizjoni tal-Public Boradcasting Services Limited li r-rikorrenti Claudette Buttigieg ma tkomplix tipprezenta l-programm Sellili fuq TVM. Permezz ta' email datata 18 ta' Settembru 2012 mibghuta mid-Direttur ta' DeeMedia.tv Limited giet infurmata:

*"We have just been notified by PBS Editorial Board that since you have been declared a candidate for the forthcoming General Election, you therefore cannot present the Sellili television programmes scheduled to start on the 1$^{st}$ October 2012".*

Jirrizulta li l-Bord Editorjali tas-socjeta intimata kien iddecieda li jirrakkomanda lill-Bord tad-Diretturi tal-istess socjeta, li b'effett mill-1 ta' Ottubru 2012 ir-rikorrenti ma kellhiex tithalla iktar tipprezenta l-programm Sellili. Il-qorti fehemet li din ir-rakkomandazzjoni giet *endorsed* mill-Bord tad-Diretturi. Fil-fatt fit-twegiba ghar-rikors promotur, is-socjeta appellant ddikjarat:

*"In kwantu Public Broadcasting Services Ltd, illi d-decizjoni attakkata kienet wahda mehuda in buona fede fuq direzzjoni tal-Bord Editorjali li fic-cirkostanzi tal-kaz hadet hi stess decizjoni li ghandha tigi meqjusa ragonevoli fic-cirkostanzi"* (fol. 28).

**<u>Eccezzjoni dwar nullita tal-Appell</u>.**

Il-fatti rilevanti huma:-

1. Is-sentenza nghatat fit-12 ta' Gunju 2014;
2. Fis-17 ta' Gunju 2014 is-socjeta appellant talbet lit-Tribunal sabiex jatiha permess tappella mis-sentenza;
3. Fit-22 ta' Lulju 2014 it-Tribunal awtorizza lis-socjeta appellant sabiex tappella mis-sentenza.
4. Fis-7 ta' Awissu 2014 gie pprezentat ir-rikors tal-appell.

Fis-sentenza **Emanuel Cutajar vs L-Awtorita ghat-Trasport Pubbliku** tal-11 tal-Novembru 2015, din il-qorti diga' kellha l-opportunita li tiddeciedi dwar jekk l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 ghandux japplika ghal sentenza parzjali tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. F'dik is-sentenza ntqal:-

*"Skond l-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490),*

*"It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkollu l-istess setghat li huma vestiti fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili".*

*Imbaghad l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 jipprovdi li appell minn sentenza parzjali jista' jsir biss wara li jinghata permess mill-qorti bil-miftuh.*

*Fil-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta m'hemmx provvediment generali li jghid li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 japplikaw ghall-proceduri quddiem it-Tribunal. Fil-fatt l-Artikolu 15 jipprovdi li l-Ministru tal-Gustizzja jista' jaghmel regolamenti li:-*

*"jistabbilixxu liema disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jekk ikun hemm, li ma ġewx imsemmija f'dan l-Att, jekk hemm, għandhom japplikaw għall-proċedura quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva".*

*Min-naha l-ohra fil-Kap. 490 hemm disposizzjonijiet li jipprovdu espressament li japplikaw certu provvedimenti tal-Kap. 12 (ara per ezempju Artikoli 9(3), 13(2), 15 u 23(2) tal-Kap. 490). Madankollu m'hemm riferenza espresso ghall-Artikolu 231 tal-Kap. 12.*

*Wiehed jista' jargumenta li peress li wahda mis-setghet tal-Prim'Awla hi li tawtorizza parti sabiex tappella minn sentenza parzjali (Artikolu 231 tal-Kap. 12) u skond l-Artikolu 20 tal-Kap. 490 it-Tribunal ghandu l-istess setghat li ghandha l-Prim'Awla, allura l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 japplika wkoll fil-kaz ta' proceduri quddiem it-Tribunal. Rilevanti wkoll hu l-Artikolu 23(2) tal-Kap. 490 jipprovdi:-*

*"(2) Id-disposizzjonijiet li jirregolaw il-Qorti tal-Appell fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw għall-Qorti tal-Appell meta din tkun qegħda tisma' appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva".*

*Il-qorti tasal biex tghid li wkoll b'applikazzjoni tal-Artikolu 23(2) tal-Kap. 490, l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 japplika fir-rigward ta' proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. Qorti tal-Appell ma tistax tisma' appell minn sentenza in parte hlief jekk l-ewwel qorti tkun tat permess li jsir appell qabel is-sentenza definittiva[1]. Materja li hi sollevabbli ex officio mill-Qorti tal-Appell*'.

L-argumenti tal-appellati m'humiex tali li jistghu jwasslu lil din il-qorti biex tirrevedi l-posizzjoni li kienet hadet fl-imsemmi kaz.

Pero' l-problema li teziti hi l-appell sar minn eccezzjoni ta' kompetenza. Fir-rikors prezentat fis-17 ta' Gunju 2014, l-appellanti talbet:

*"…. ai termini tal-Artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghogbu jaghti permess lis-socjeta esponenti sabiex tappella mis-sentenza datata t-12 ta' Gunju, 2014 u dan salv ghal kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti joghogobha timponi".*

Mir-rikors tal-appell jirrizulta li l-appell hu limitat fuq il-kap tas-sentenza li bih giet deciza l-eccezzjoni ulterjuri li tat is-socjeta appellanti. Tant hu hekk li t-talba tal-appellanti hi ghar-riforma tas-sentenza tat-Tribunali fis-sens li thassar is-sentenza f'dik il-parti *"…. fejn cahdet l-eccezzjoni preliminari ulterjuri tas-socjeta appellanti u minflok tilqa' l-imsemmija eccezzjoni….."* (fol. 13).

Pero' skond l-Artikolu 234 tal-Kap. 12 *"….. minn kull sentenza moghtija minn kull qorti fuq il-kompetenza taghha li tiehu konjizzjoni mill-kawza, jista' jsir appell".* F'dan ir-rigward issir riferenza ghal-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Dicembru 2015 fil-kaz **Dr John Vassallo vs L-Awtorita tat-Trasport f'Malta**, fejn intqal:

*"Kif, pero`, tajjeb issottometta l-attur appellat, f'kaz ta' decizjoni fuq il-kompetenza tal-Qorti, jekk parti thossha aggravata bid-decizjoni u tkun trid tappella, ghandha taghmel dan fi zmien 20 jum mis-sentenza minghajr ma toqghod titlob il-permess tal-Qorti li tat is-sentenza. Dan johrog car mill-Artikolu 234 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u mill-gurisprudenza ta' din il-Qorti. Fil-fatt, fil-kawzi* ***Koca v. Micallef Stafrace et noe*** *u* ***Gaming VC Corporation Ltd v. Boss Media Malta Casino Ltd.*** *it-tnejn decizi minn din il-Qorti fit-3 ta' Frar, 2012….*

*L-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita` konvenuta kienet espressament tattakka il-kompetenza tal-qrati civili, u meta l-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni, tat sentenza*

[1] Eccezzjoni hi kontemplata fl-Artikolu 234 tal-Kap. 12.

*fit-termini tal-Artikolu 234 tal-imsemmi Kap. 12. Minn tali sentenza "jista' jsir appell", ovvjament, fit-terminu li timponi l-ligi. It-talba li saret ghall-permess kienet inutili, u ma zzommx id-dekorriment tat-terminu ta' 20 jum impost bil-ligi".*

L-Artikolu 231 tal-Kap. 12 ma japplikax fil-kaz ta' sentenza li tiddeciedi eccezzjoni fuq il-kompetenza ta' Qorti li tiehu konjizzjoni mill-kawza, fil-kaz tal-lum Tribunal.

Fic-cirkostanzi m'hemmx dubju li s-socjeta appellanti ma kellhiex bzonn il-permess tat-Tribunal sabiex tappella mis-sentenza, in kwantu l-appell kien jitratta dik il-parti tas-sentenza li cahdet l-eccezzjoni ulterjuri li titratta dwar il-kompetenza tat-Tribunal biex jiehu konjizzjoni tal-kawza. Dan ifisser li l-appell li pproponiet Public Services Company Limited ma sarx fit-terminu perentorju kontemplat mil-ligi u ghalhekk hu null.

**Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-appell ta' Public Broadcasting Services Limited bhala null, bl-ispejjez a karigu taghha.**

**Tordna lir-Registratur sabiex jibaghat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex jissokta bis-smiegh tal-kaz**.

Anthony Ellul.